# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 9/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Abd El Rahim Mohamed**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Abd El Rahim Mohamed, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 78302L quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Jannar, 2013 bejn is-1.00 u 3.00 ta' wara nofsinhar gewwa l-Furjana;

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' kisser diversi accessjori f'celel differenti waqt li kien arrestat fil-lock-up tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, liema hsara teccedi mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ma teccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin

centezmu (€1164.69), u liema hsara saret ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra (Art 325 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

U aktar talli fl-20 ta' Jannar, 2013 bejn l-10.00 ta' filghodu u nofsinhar gewwa r-Rabat, Malta:

Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Romina Cassar biza' li se tintuza' vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna ta' membri tal-familja taghha (Art. 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' ghamel hsara fuq bieb ta' residenza, liema hsara li teccedi mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ma teccedix l-elf mija u erba' u sittin euro u tlieta u sebghin centezmu u liema hsara saret ghad-dannu ta' Romina Cassar u/jew persuna/i ohra;

4. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Romina Cassar u/jew membri tal-familja taghha meta kien jaf li messu kien jaf li l-agir tieghu kien ta fastidju ghal dawn il-persuni (art 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Bil-kliem ingurja jew hedded bil-mewt lil Romina Cassar u/jew membri tal-familja taghha (art 339(l)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija (Art 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

7. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku (Art 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

8. Ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-

imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika (Art 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

9. Kiser il-kundizzjonijiet tal-obbligazzjoni li a tenur ta' l-art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa kien intrabat mill-Qorti tal-Magistrati, nhar is-16 ta' Ottubru, 2012 biex ma jimmolestax lil Romina Cassar u/jew membri tal-familja taghha.

Il-Qorti intalbet li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti ntalbet ukoll, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi u cioe' Romina Cassar u l-familjari taghha, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna/i msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-artikolu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi ai termini tal-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Jannar, 2015 li biha ma sabitx lill-appellant hati tad-disa' imputazzjoni u lliberatu minnha; cahdet it-talba tal-prosekuzzjoni li tqis lill-appellant bhala recediv; u sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u kkundannatu ghal ghaxar (10) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu sospizi ghal sentejn. Inoltre bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) ordnat lill-appellant ihallas l-ammont ta' mitejn u

hamsin ewro (€250) lil Romina Cassar u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(2) inghata zmien sitt (6) xhur sabiex ihallas lill-parte leza.

Sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parte leza Romina Cassar b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti harget ordni ta' protezzjoni kontra l-appellant bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali mis-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti ordnat ukoll lill-appellant ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti li jammontaw ghal mija tmienja u sebghin euro u sitta u disghin centezmu (€178.96) skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas, dan l-ammont jigi konvertit fi pruginerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Abd El Rahim Mohamed, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu talab **ir-riforma** tas-sentenza appellata illi tkun **konfermata** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tad-disa' (9) imputazzjoni u hati ta' l-ewwel (1), il-hames (5), s-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni, u **thassarha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni (2), t-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjoni kif ukoll il-parti fejn ordnat il-hlas tal-espert/i indikat/i f'dawn il-proceduri u minnhom tilliberah u fin-nuqqas u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tapplika allura, sentenza anqas onoruza minn dik imposta mill-ewwel Qorti;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant ihossu aggravat minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kwantu din sabitu hati tat-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni bil-gravami illi l-ewwel Qorti qatt ma setghet legalment tikkonkludi li kienu jokkorru l-elementi tar-reati ravvizati fl-artikolu 251A u 251B tal-Kodici Kriminali ghar-rigward tat-tieni u r-raba imputazzjoni. Inoltre, jissottometti illi hemm dubju ragjonevoli kemm l-appellant seta qatt ghamel il-hsara lamentata fit-tielet imputazzjoni u li ghalhekk ma setghax jinsab hati ukoll ta' din l-imputazzjoni;
2. Mill-atti processwali jemergi illi bejn il-partijiet certament hemm sensiela ta' episodji ta' nuqqas ta' *bonae vicinitatis*. L-appellant jirrisjedi f'appartament sottostanti dak tal-parti leza u jilmenta minn storbju generat minn din tal-ahhar konsistenti fost ohrajn f'giri tat-tfal fil-kuridur anke b'xi *scooter* u kliem hazin tal-istess tfal li huma ta' eta zghira. Kull parti kienet twassal l-ilmenti taghha lill-Pulizija izda fl-20 ta' Jannar, 2013, f'mument meta l-appellant kien xurban rreagixxa b'mod li kellu jkun arrestat mill-Pulizija, jittiehed fil-kwartieri Generali tal-Pulizija fejn hemmhekk ghamel hsara f'zewg celel;
3. Il-kwerelanta xehedet illi fl-10.30 am, waqt li kienet flimkien mal-erbat itfal taghha fl-appartament fejn tirrisjedi, l-appellant beda jsabbat mas-saqaf tieghu li huwa l-art tal-appartament taghha u ghalhekk cemplet lill-Pulizija. Imbaghad beda jsabbat fuq il-bieb taghha kif ukoll fuq il-bejt, ossia s-saqaf tal-appartament taghha u tghid illi minn hemm nizel ihabbtilha mal-bieb b'injama u jheddidha li ser joqtolha, jghajjarha u joffendiha. Mat-tieni telefonata, l-Pulizija accedew fuq il-post u wara li qieghdu s-sellatura f'postha u kienu

hiergin, l-appellant rega tela' jsabbat mal-bieb u jheddidha bil-mewt u hemmhekk ddeciedew li jarrestawh. Il-kwerelanta tghid illi din is-sitwazzjoni ilha sejra hekk ghal snin twal sa mit-tieni jum li marret toqghod hemm hames snin qabel, b'aggressjoni sia mill-appellant u minn martu. Gieli marru ghandha l-pulizija meta tkun ghadha rieqda fuq allegazzjoni tal-appellant li kienet qed iccaqlaq l-ghamara u dan ghaliex kull hoss li jisma' iwahhal fiha. Gieli ukoll ma tkunx id-dar u jghid li qed taghmel l-istorbju;

4. L-appellant beda biex xehed illi is-Sibt filghaxija kellu party u mar jixrob u wara li *ex admissis* xorob hafna, rrinkaza fil-11.30 pm. Fil-hamsa u nofs ta' filghodu mar iwassal lill-haddiema tieghu u rega lura d-dar biex jistrieh. Bejn it-tmienja u nofs u d-disgha ta' filghodu t-tfal tal-kwerelanta qabdu jghajtu u jaqbzu bl-iscooter. Ghalhekk cempel lill-Pulizija minhabba dan l-istorbju u pprova jorqod izda inutilment u ghalhekk mar habbat fuq il-bieb tal-kwerelanta izda din ma rieditx issikket lit-tfal. Huwa jinnega li ghamlilha hsara fil-bieb u jispjega kif din il-kwistjoni kienet ilha sejra ghal-snin twal fejn kien sab il-bieb tieghu mtebba' u xi oggetti miksurin;

5. Kwantu l-hsara fil-bieb, il-kwerelanta kienet pprezentat stima ta' bieb gdid. L-espert tekniku nominat mill-ewwel Qorti ikkonstata illi l-bieb ma ghandux ghalfejn jinbidel u jista' jissewwa. L-istess espert ma rriskontra ebda hsara fil-bieb minn naha ta' barra izda fuq gewwa kien hemm sinjali ta' skaldar tal-injam possibilment kagjonat minn forza applikata fuq wahda mill-panewijiet minn naha esterna. Dan seta' jissewwa bi spiza ta' €250. Issa, ezaminati r-ritratti mehuda mill-espert tekniku, huwa evidenti illi dan il-bieb sofra dak li tajjeb iddeskriva l-espert bhala "skaldar". Dan seta' biss kien rizultat ta' forza minn naha esterna, evidentement bil-gisem ta' persuna, li tant ghamlet forza fuq il-panew illi l-parti li tilqa' l-panew minn gewwa, jigifieri l-battent formanti parti mill-posta wieqfa tal-bieb, inqasam kwazi t-tul kollu tal-panew. Mir-ritratti jidher li din mhix l-ewwel tiswija simili li saret lil dan il-bieb. Fil-fehma tal-Qorti huwa inutili li

l-appellant jghid li kull ma ghamel kien li habbat fuq il-bieb u li ma ghamilx hsara. Huwa kien fi stat ta' ubriakezza tali illi anke waqt li kien arrestat gewwa l-kwartieri generali tal-pulizija, tant ghamel hsara fic-cella li kellu jitqieghed f'cella ohra u anke hemm ikkawza hsarat ohra ghal liema hsara hallas is-somma mitluba. Din il-Qorti ma tara xejn censurabbli fid-decizzjoni tal-ewwel Qorti li ssib lill-appellant hati dwar din it-tielet imputazzjoni;

6. Kwantu l-appell odjern jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar it-tieni u r-raba' imputazzjoni, l-ewwel Qorti gustament ccitat sentenzi ta' din il-Qorti li jitrattaw l-elementi tar-reat ta' biza ta' vjolenza u dak ta' fastidju ravvizati fl-artikolu 251A u 251B tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti strahet maggorment fuq is-sentenza Il-Pulizija vs Raymond Parnis (App Krim 18.6.2009) u dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna (App Krim 21.2.2012). Tosserva din il-Qorti, izda, illi l-ewwel Qorti donnu applikat il-provi fuq wiehed mir-reati bhala konklussivi ghat-tieni wiehed meta dawn kellhom ikunu trattati separatament. Ghalkemm l-elementi ta' dawn iz-zewg reati huma simili, mhux necessarjament isegwi illi sejbien ta' hitja f'wiehed ghandu awtomatikament jissarraf f'sejbien ta' htija fl-iehor ghaliex il-fatti jistghu jaghtu lok ghall-wiehed u mhux ghall-iehor;

7. Issa l-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija f'dawn iz-zewg reati ghaliex sabiex ikun hemm *a course of conduct* jehtieg li jkun hemm "*okkazzjoni wahda fi granet differenti tal-inqas*". L-artikolu 251A u 251B ma jeskludux li jkun hemm aktar minn okkazzjoni wahda fl-istess jum izda din il-Qorti tosserva illi dak addebitat kontra l-appellant allegatament sehh f'hin partikolari u ristrett, igifieri fl-20 ta' Jannar 2013 bejn l-ghaxra ta' filghodu u nofsinhar. Il-fatti juru illi din kienet cirkostanza kontinwa fejn l-appellant, urtat bl-istorbju li kien qed jisma' u fl-istat ta' ubriakezza, gab ruhu b'mod vjolenti b'manjiera, izda, li tista' titqies bhala incident wiehed sakemm finalment kien mrazzan mill-pulizija. Tajjeb li ssir referenza ghal-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta, fosthom

Il-Pulizija vs Charles Magri (31.5.2017) u Il-Pulizija vs Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed (16.12.2016). Fil-kaz odjern, l-prosekuzzjoni esebiet sensiela ta' rapporti li l-parti leza ghamlet kontra l-appellant f'okkazzjonijiet differenti u dan sabiex tipprova li dan l-incident kien wiehed minn sensiela ta' incidenti ohra izda fl-istess waqt ghazlet illi takkuza lill-appellant b'incident li sehh f'jum u hin partikolari li minnufih jeskludi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zewg reati kif osservat mill-istess l-ewwel Qorti meta ccitat is-sentenza ta' Jeffrey Scicluna *supra*;

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell dwar it-tieni u r-raba imputazzjoni qed ikun milqugh;

9. Ghalhekk tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet htija fl-ewwel (1), it-tielet (3), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba (7) u t-tmien (8) imputazzjoni; Tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tad-disa (9) imputazzjoni u cahdet it-talba tal-prosekuzzjoni li tqis lill-appellant bhala recidiv; thassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni (2) u tar-raba (4) imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull htija u piena dwarhom; Tibdilha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal-piena ta' prigunerija ta' ghaxar xhur sospizi ghall-sentejn fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u minflok tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' tmien xhur liema terminu ma jidderkorrix hlief jekk l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena mil-lum fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali; Tikkonfermaha fil-bqija b'dan illi t-terminu ta' protezzjoni ta' tlett snin fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali jibda jiddekorri mil-lum;

10. Finalmenti, il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-appellant fi kliem car, l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza kif ravvizati fl-artikoli 28A, 28H u 533 tal-Kodici Kriminali.